# IL-KUNĊETT IŻLAMIKU TA' GVERN



AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

# Il-Kunċett Iżlamiku ta' Gvern

**Ħażrat Mirża Bashiruddin Maħmud Aħmad**[ra]
It-Tieni Suċċessur tal-Messija Mwiegħed u Maħdi[as],
Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya fl-Iżlam

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

# Islamic Concept of Government
# In Maltese Language

© Islam International Publications Ltd

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2019)

Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel**: +356-27342401 - **Mob:** +356-79320139
**Email: amjmalta@gmail.com**

**WWW.AHMADIYYA.MT**

ISBN: 978-99957-59-30-8

Il-Qoxra: IconBunny | Shutterstock

# Introduzzjoni

Din is-silta hija meħuda mill-ktieb *Ahmadiyyat Yani Haqiqi Islam* ta' Ħażrat Mirża Bashiruddin Maħmud Aħmad[ra], Kalifatul-Masiħ II.

Ħażrat Mirża Bashiruddin Maħmud Aħmad[ra] (1889-1965) ġie elett bħala Kalif u Kap tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana fl-età bikrija ta' 24 sena meta l-Komunità kienet għadha fl-infanzja tagħha u għenha biex tissaħħaħ għal aktar minn 50 sena bit-tmexxija spiritwali tiegħu, bit-talb, bid-dmija, bid-dmugħ u bit-tbatija tiegħu.

Bl-intelliġenza fina tiegħu, bl-intellett żviluppat tiegħu, bil-kapaċità profonda u estensiva fl-istudji u, fuq kollox, bl-għerf tiegħu mogħti minn Alla, huwa rnexxielu joħloq ġabra enormi ta' kitbiet, diskorsi, eċċ.

Huwa kellu ħerqa kbira biex iwassal it-tagħlim u l-prinċipji ġenwini tal-Iżlam fl-imħuħ u l-qlub tal-membri tal-Komunità. Huwa xtaq li l-membri jsiru rappreżentanti denji tal-Iżlam u jipprattikaw it-tagħlim tal-Iżlam fil-ħajja ta' kuljum tagħhom. Fis-silta li ġejja huwa jitkellem dwar il-Kunċett Iżlamiku ta' Gvern.

**Imam Laiq Ahmed Atif**
President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

بسم الله الرحمن الرحيم

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

# Il-Kunċett Iżlamiku ta' Gvern

"L-Iżlam kif jiddefinixxi s-sovran, jew l-Istat? F'terminoloġija Iżlamika s-sovran jew il-Kalif huwa dak l-individwu rappreżentattiv li poplu ta' nazzjon jaħtar għall-protezzjoni u s-superviżjoni tal-jeddijiet tiegħu kemm individwali kif ukoll kollettivi. L-Iżlam ma jirrikonoxxi l-ebda forma ta' tmexxija ħlief dik ta' gvern rappreżentattiv. Il-Koran Imqaddes uża l-kelma *Amanat* (fiduċja) biex jiddeskrivi l-kunċett Iżlamiku ta' gvern, jiġifieri, il-Kalif jeżerċita setgħa li tkun ingħatat lilu min-nies, u mhux setgħa li ħa hu stess bil-volontà tiegħu jew li ntirtet minnu bħala jedd mit-twelid. Din il-kelma weħidha hija biżżejjed biex turi n-natura u s-setgħat tas-sura Iżlamika ta' tmexxija.

Il-Koran Imqaddes ma jitkellimx dwar is-setgħa ta' tmexxija bħala xi ħaġa li tgħaddi mis-sovran għas-sudditi, iżda bħala xi ħaġa li tgħaddi mis-sudditi għas-sovran. Madanakollu, biex napprezzaw sewwa l-kunċett Iżlamiku tal-Istat, huwa neċessarju li nikkwotaw il-vers li, fil-

qosor, iżda f'termini komprensivi, jiddeskrivi n-natura u d-dmirijiet tal-ħakkiema u tal-maħkumin. Il-Koran Imqaddes jgħid:

> **"Alla jamarkom biex tafdaw ir-responsabbiltà tat-tmexxija f'idejn dawk li huma denji tagħha, u dawk minnkom li ssiru mexxejja, għandhom jirrenjaw b'mod ġust; Alla jwiddibkom b'dak li huwa eċċellenti, tassew Huwa Jisma' Kollox, Jara Kollox."** [Al-Nisa, 4:59]

Fl-ewwel parti ta' dan il-vers in-nies qed jingħadilhom li huwa f'idejhom biex jagħżlu l-mexxejja tagħhom, u li ħadd iżjed ma jista' jaħtar mexxej fuqhom, jiġifieri, is-sovranità mhijiex ereditarja u ħadd mhu intitolat li jsir mexxej għaliex inzerta li huwa iben jew l-eredi ta' ħakkiem preċedenti.

It-tmexxija mbagħad hija definita bħala fiduċja prezzjuża u n-nies huma mwissija biex ma jafdawhiex f'persuna li mhijiex denja ta' dik il-fiduċja, iżda li jqiegħdu r-responsabbiltà f'idejn xi ħadd li jaqdi dmiru sewwa, b'onestà u b'fedeltà.

Imbagħad, il-vers ikompli jgħidilna li t-tmexxija mhijiex xi ħaġa indipendenti fiha nnifisha, iżda hija biss tqassim ta' poteri bil-għan li ċerti drittijiet jiġu inforzati u protetti għaliex in-nies ma jistgħux jinfurzawhom u jħarsuhom

b'mod individwali. Għalhekk, hija fiduċja u mhux proprjetà. Id-dritt għall-iggvernar jaqa' primarjament fuq il-komunità u mhux fuq il-ħakkiem.

Dan tal-aħħar, madanakollu, jintqal lilu li l-awtorità mogħtija lilu hija forma ta' fiduċja u li huwa ma jistax jabbuża jew jużaha ħażin, u li għandu jgħaddiha lill-benefiċjarji, fil-waqt tal-mewt tiegħu, mingħajr deterjorament jew diminuzzjoni, jiġifieri, huwa jrid joqgħod attent li jipproteġi l-interessi u d-drittijiet nazzjonali u individwali, u li m'għandu l-ebda jedd li jnaqqas jew iħassar xi partijiet minnhom.

Il-mexxejja u l-uffiċjali mbagħad jingħad lilhom biex jaqdu d-dmirijiet rispettivi tagħhom fl-oqsma tagħhom b'ġustizzja u b'fedeltà.

Il-vers imbagħad jindika li l-Musulmani se jabbandunaw din il-forma ta' tmexxija, u biex jagħmlu bħal popli oħrajn, jerġgħu lura għal forma ta' ggvernar li hija monarkika u ereditarja, iżda t-twiddiba t'Alla – dik li l-Musulmani għandhom jaderixxu l-forma rappreżentattiva ta' tmexxija, jagħżlu l-aqwa mħuħ biex imexxuhom u jevitaw is-sistema ereditarja ta' ggvernar – tforni l-aqwa parir. L-aħħar kliem tal-vers jindika li Alla għażel din is-sura ta' tmexxija għaliex Huwa konxju tal-ħażen ta' forom oħra ta' ggvernar magħżula mill-bniedem, u għaliex Huwa sema' t-talb ta' dawk li soffrew taħthom, u li, għalhekk, il-Musulmani għandhom jaċċettawha u b'hekk juru l-gratitudni tagħhom għall-pjaċir li Alla għamlilhom.

Minn dan joħroġ ċar li l-forma Iżlamika ta' gvern trid tkun ibbażata fuq sistema elettiva u rappreżentattiva, u li s-sovran irid jitqies bħala r-rappreżentant tal-poplu fil-kapaċità kollettiva u mhux individwali tagħhom.

## IS-SETGĦAT U D-DMIRIJIET TAL-ISTAT IŻLAMIKU

Issa se nitkellem dwar il-poteri mogħtija u d-dmirijiet imposti mill-Iżlam fuq l-Istat. L-ewwel dmir impost mill-Iżlam fuq l-Istat huwa li dan għandu jħares u jippromwovi l-ġid u l-interessi morali u materjali tal-poplu tiegħu u huwa responsabbli għas-sigurtà tal-ħajja u d-djar tiegħu u għall-provvediment tan-neċessitajiet tal-ħajja. Il-Qaddis Profeta[sa] jgħid,

> **"Kull wieħed minnkom qisu ragħaj u huwa responsabbli għall-persuni u l-oġġetti li jitqiegħdu taħt il-kura tiegħu. Is-sovran huwa responsabbli u jwieġeb għas-sudditi tiegħu, u kull raġel huwa responsabbli u jwieġeb għall-membri tal-familja tiegħu, u kull mara hija responsabbli u twieġeb għal darha u għal uliedha, u kull qaddej huwa responsabbli u jwieġeb għall-proprjetà ta' sidu li taqa' taħt il-kura tiegħu."** [*Bukhari* u *Muslim*]

Dan juri li l-Iżlam iqis lill-mexxej bħal ragħaj li jitqiegħed responsabbli ta' merħla nagħaġ; u li bħalma r-ragħaj huwa marbut li jħares u jipproteġi l-merħla, u jipprovdi għall-bżonnijiet kollha tagħha—bħal pereżempju, jara li n-nagħaġ ma jimirħux, iħarishom mil-lupu li jkun qed iħuf fil-madwar, jitmagħhom u jagħtihom kenn, u jipproteġihom mill-pestilenza u l-mard, huwa d-dmir ta' Stat Iżlamiku li jħares is-sudditi tiegħu minn differenzi interni, diżordni, irvellijiet u oppressjonijiet u jipproteġihom minn attakki esterni, u li jipprovdi għall-bżonnijiet kollha tagħhom materjali u intellettwali—bħal, pereżempju, dawk relatati mat-taħriġ, tagħlim, saħħa, ikel, u kenn u l-bqija.

Dawn huma d-dmirijiet ġenerali ta' Stat. B'mod partikolari huwa d-dmir ta' Stat Iżlamiku li jipprovdi għas-sudditi kollha tiegħu n-neċessitajiet tal-ħajja, jiġifieri, ikel, ilbies u kenn, il-għaliex mingħajrhom l-istess persuni li l-Istat għandu d-dmir li jipproteġi ma jistgħux isalvaw. Mingħajr ikel suffiċjenti u kenn l-eżistenza fiżika ssir impossibbli, u eżistenza morali jew soċjali mhijiex possibbli mingħajr ilbies adegwat.

Eżempju jew tnejn huma biżżejjed biex juru kif dawn il-prinċipji ġenerali kienu interpretati u mħaddma fil-prattika mill-Musulmani tal-bidu. Jiena sostnejt li huwa d-dmir ta' Stat Iżlamiku li jipprovdi n-neċessitajiet tal-ħajja lil dawk in-nies li mhumiex kapaċi jfendu għalihom infushom. Dan hu muri sewwa b'inċident li seħħ fis-saltna ta' Ħadrat Umar[ra], it-Tieni Kalif. Darba waħda l-Kalif beda jdur bl-

identità tiegħu moħbija biex jara jekk in-nies kellhomx xi ilmenti dwar ħaddieħor. F'Sarar, raħal madwar tliet mili 'l bogħod mill-kapitali, huwa sema' lil xi ħadd jibki. Hu ra minn fejn ġej il-ħoss u fil-waqt ġie ħdejn mara xiħa li kienet qiegħda madwar borma fuq in-nar u tlett itfal ħdejha li kienu qed jibku. Il-Kalif staqsa lill-mara xiħa x'kien l-inkwiet tagħhom. Hija wieġbet li kienu ilhom ma jieklu jumejn, u billi hi ma setgħetx tipprovdi l-ikel, kienet poġġiet borma vojta fuq in-nar biex iġġegħelhom jaħsbu li l-ikel dalwaqt ikun lest; u b'hekk tressaqhom aktar qrib lejn l-irqad. Wara dan kollu l-Kalif reġa' lura Medina. Huwa kiseb ftit dqiq, butir, laħam u tamal, u qegħedhom f'borża. Imbagħad sejjaħ qaddej u talbu jerfa' s-sorra għal fuq spallejh (tal-Kalif). Il-qaddej ipprotesta miegħu ħalli jerfa' s-sorra huwa stess. "Bla dubju," wieġeb Umar[ra], "inti tista' ġġorrli s-sorra issa, imma min se jġorrli t-toqol tiegħi f'Jum il-Ġudizzju?" Dan ifisser li, billi huwa ttraskura d-dmir tiegħu biex jipprovdi għall-mara u wliedha, l-uniku tpattija li seta' jwettaq kienet li jwassal l-ixkora bl-affarijiet huwa stess lil dik il-mara.

Minħabba li kien assolutament impossibbli biex l-Istat jieħu ħsieb personalment il-bżonnijiet ta' kull individwu, beda jsir ċensiment fil-pajjiżi Iżlamiċi, u twaqqfet is-sistema ta' reġistrazzjoni tat-twelid u l-mewt. L-iskop ta' dawn il-miżuri ma kienx, bħalma huwa l-każ tal-gvernijiet tal-lum, biex jiżdiedu l-fondi pubbliċi, iżda biex jiżvojtjawhom. L-informazzjoni li kienet tinġabar kienet tipprovdi stampa ċara tal-kundizzjonijiet attwali tan-nies,

u b'hekk l-Istat kien f'pożizzjoni li jgħin lil dawk il-persuni li kien jistħoqqilhom għajnuna mill-Istat.

Iżda, filwaqt li l-Iżlam jamar biex wieħed jgħin lill-foqra, huwa jikkundanna l-għażż u l-letarġija. Għalhekk l-għan tal-benefiċċji tal-Istat ma kienx biex wieħed jinkoraġġixxi l-għażż. Saru biss għal każijiet li verament kellhom bżonn. In-nies kienu mħeġġa biex jaħdmu għall-għajxien tagħhom u ma kinux jitħallew jittallbu. Ħadrat Umar[ra] darba ra persuna tittallab li kellha magħha borża dqiq. Il-Kalif ħadlu din il-borża dqiq, battalha quddiem xi iġmla, dar lejh u qallu, "Issa tista' tittallab." Huwa mniżżel li t-tallaba kienu sfurzati mill-Istat biex jaqilgħu l-għajxien tagħhom bix-xogħol.

It-tieni dmir tal-Istat huwa li jipprovdi amministrazzjoni mistħoqqa tal-ġustizzja. L-Iżlam għamel provvedimenti ddettaljati f'dan il-qasam. L-imħallfin huma ordnati li jamministraw il-ġustizzja mingħajr biża' jew pjaċiri. Huma pprojbiti milli jixxaħħmu jew jaġixxu fuq rakkomandazzjonijiet, u n-nies huma pprojbiti milli jxaħħmu jew jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-imħallfin. Huwa miktub li kull każ għandu jiġi deċiż fuq id-dikjarazzjonijiet u fuq l-evidenza tal-każ. Ir-responsabbiltà tal-provi taqa' fuq il-kwerelant jew min jagħmel l-ilment, iżda l-konvenut jew l-akkużat, fl-assenza ta' provi konklużivi, jista' jinħeles minn akkuża *prima facie* billi jiddikjara l-innoċenza tiegħu bil-ġurament. L-imħallfin huma mħeġġa biex jgħarblu l-evidenza ta' kull xhud b'referenza għall-karattru u l-antenati tiegħu.

Huwa miktub li l-imħallfin għandhom ikunu kwalifikati u kapaċi li jwettqu d-dmirijiet tal-uffiċċju tagħhom. Deċiżjoni ġudizzjali għandha tiġi aċċettata bħala finali, għax, għalkemm l-imħallfin, bħall-bnedmin l-oħra kollha, jistgħu jiżbaljaw, l-argumenti jridu jinħallu mill-bnedmin u jrid ikun hemm tmiem għal-litigazzjoni. Persuna li tirrifjuta li taċċetta deċiżjoni ġudizzjali ma tistax titqies bħala ċittadina Musulmana għaliex tkun fixklet l-operat sħiħ tal-gvern.

L-istituzzjoni tal-Muftis jew ġuristi twaqqfet biex tipprovdi informazzjoni lill-foqra u lill-injoranti dwar il-jeddijiet tagħhom. Iżda ġurist seta' jinħatar biss mill-Istat, u l-ebda proxxmu, bravu kemm hu bravu, minn jeddu, ma seta' jagħti pariri lin-nies fuq id-drittijiet legali tagħhom.

L-Istat huwa responsabbli mill-eżekuzzjoni tas-sentenzi maqtugħa mill-imħallfin, u l-ebda favur jew diskriminazzjoni ma jistgħu jiġu implimentati biex dawn jitwettqu. Il-Qaddis Profeta[sa] kien qal li jekk bintu stess tinstab ħatja, pereżempju, ta' serq, huwa ma jaħsibhiex darbtejn biex jimponi fuqha l-kastig li jkun ingħatalha bil-liġi. Ħadrat Umar[ra] innifsu kien sawwat bil-frosta lil ibnu bħala kastig ta' reat li kien wettaq.

Dmir ieħor tal-Istat huwa li jipproteġi l-unur u s-sigurtà tal-pajjiż. Il-Musulmani huma ordnati fil-Koran Imqaddes biex iħarsu l-fruntieri tagħhom u li jqiegħdu rġiel b'saħħithom biex jiddefenduhom, kemm fil-gwerra kif ukoll fi żmien ta' paċi.

Dmir ieħor tal-Istat huwa li jippromwovi s-saħħa pubblika. Il-Koran Imqaddes jordna lill-Qaddis Profeta[sa] biex jevita kull impurità spiritwali u fiżika. Għalhekk, huwa d-dmir ta' Stat Iżlamiku li jżomm it-toroq, il-mogħdijiet u postijiet pubbliċi oħra ndaf. Il-Qaddis Profeta[sa] kien jordna lid-dixxipli tiegħu biex joqtlu l-klieb li jiġġerrew fit-toroq għax dawn kienu jimirdu u jweġġgħu lin-nies.

Dmir ieħor tal-Istat huwa li jrid jipprovdi mezzi għall-edukazzjoni nazzjonali. Meta ddeskriva d-dmirijiet u x-xogħlijiet tal-Qaddis Profeta[sa], il-Koran Imqaddes stqarr, "Dan il-Profeta[sa] se jgħallimhom il-Ktieb u l-filosofija li hemm fih." Il-ktieb hawnhekk ma jfissirx biss il-Koran Imqaddes, iżda jinkludi x-xjenzi kollha, u t-tagħlim, imsemmi fil-Koran Imqaddes; pereżempju, l-astronomija, il-matematika, il-botanika, iż-żuwoloġija, il-mediċina, l-istorja, l-etika u l-bqija. Il-Qaddis Profeta[sa] jgħid: "L-akkwist tal-għarfien huwa dmir ta' kull Musulman." Huwa ta attenzjoni partikolari lill-istruzzjoni sistematika tal-poplu. Fil-battalja ta' Badr, il-Musulmani qabdu xi priġunieri li kienu jafu jaqraw u jiktbu. Il-Qaddis Profeta[sa] offra li jeħlishom bil-patt li jħarrġu lit-tfal Musulmani fl-oqsma tal-qari u l-kitba.

Dmir ieħor tal-Istat huwa li jassisti lil dawk in-nies li għandhom ħiliet f'xi arti jew snajja', iżda m'għandhomx il-mezzi biex ikomplu jitħarrġu. Il-Koran Imqaddes jordna li dawn in-nies jingħataw l-għajnuna mill-fondi pubbliċi.

Huwa d-dmir ta' Stat Iżlamiku li jistabbilixxi u jżomm il-paċi u l-ordni fit-territorji tiegħu. Dan id-dmir huwa mniżżel fil-Koran Imqaddes li jċanfar bil-qawwi lil dawk li jippromwovu d-diżordni u l-inkwiet, u jistqarr li dawk il-mexxejja li bit-traskuraġni tagħhom joħolqu l-konfużjoni u l-oppressjoni għandhom iwieġbu għall-imġiba tagħhom quddiem Alla. Il-Qaddis Profeta[sa] stqarr li Stat Iżlamiku ikun ideali meta dan ikun gvern li fit-territorji tiegħu mara tista' tivvjaġġa fit-tul weħidha, mhux akkumpanjata, mingħajr ma tiltaqa' mal-ebda periklu.

Dmir ieħor tal-Istat huwa li għandu jirranġa għall-akkwist ta' provvisti li jistgħu jkunu meħtieġa min-nies. Fil-bidu tal-kalifat il-Kalifi kienu jagħmlu ħilithom biex jaraw li dan id-dmir ma jiġix traskurat. Matul iż-żminijiet ta' skarsezza kienu jitqassmu biljetti ta' razzjon biex in-nies ikunu jistgħu jixtru l-bżonnijiet mill-imħażen tal-gvern.

Dmir ieħor mogħti lill-Istat huwa l-manutenzjoni tat-toroq u l-mogħdijiet biex jitħaffu l-komunikazzjoni u l-ivvjaġġar. Fl-ewwel jiem tal-Iżlam, meta ma kienx hemm vetturi, u n-nies kienu jimxu jew jirkbu, l-inqas wisa' ta' triq kien deċiż għal għoxrin pied, dan biex it-toroq ikunu wesgħin u miftuħin. Illum il-ġurnata meta qed jiżdied sewwa t-traffiku, it-toroq għandhom ikunu proporzjonalment usa'.

Huwa wkoll id-dmir tal-Istat li jissorvelja l-morali tal-poplu u li jara li jtejjeb il-livell morali tan-nies bis-saħħa tal-edukazzjoni u t-tagħlim.

Fl-aħħar nett, huwa d-dmir tal-Istat li jgħolli l-livell tan-nies, jiġifieri, li jadotta kull mezz possibbli għall-avvanz tagħhom. Dan jinkludi l-propagazzjoni ta' xjenzi ġodda, it-tħeġġiġ tal-ispirtu ta' investigazzjoni u riċerka, is-soluzzjoni ta' problemi ġodda soċjali u l-bqija." (1)

[1] *Ahmadiyyat Yani Haqiqi Islam*, *Anwarul-Uloom*, vol. 8, p. 291-300, ġie ppubblikat minn Nażarat Nashro-Ishaat, Qadian, fl-2008; *Ahmadiyyat or the True Islam*, p. 264-277

**"The Islamic Concept of Government."** This is a Maltese translation of the writing taken from *Ahmadiyyat Yani Haqiqi Islam* written by Hazrat Mirza Bashiruddin Mahmud Ahmad[ra], Khalifatul-Masih II.

**www.ahmadiyya.mt**

9 789995 759308